# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Illum il-Hamis 11 t' April, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Jonathan Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jonathan Zammit, bin Carmel u Rita mwielda Vella, mwieled tal-Pieta' fit-13 ta' Dicembru 1985 u joqghod "My Nest", Triq ir-Rebbiegha, Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 6686M

Billi akkuzat talli:

1. Fis-16 ta' Lulju, 2006 ghall-habta tas-2.30 pm, waqt li kien fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, ikkommetta serq ta' karozza li ggib numru JAC-586 t'ghamla Morris Marina ta' kulur ahmar, liema serq hu ggravat bil-mezz, valur u xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta' Joseph Schembri mill-Mosta;

2. U aktar talli waqt li kien fi Triq Anglu Gatt, Mosta, ikkommetta serq ta' fanal minn gewwa ix-showroom tal-hanut maghruf bhala VCT Light Centre, liema serq hu ggravat bil-mezz u valur u dan ghad-dannu ta' Victor Calleja mill-Mosta,

3. kif ukoll talli kkaguna hsara volontarja fuq l-istess fanal, liema hsara taccedi l-LM50 izda inqas minn LM500 u dan ghad-dannu tal-imsemmi Victor Calleja;

4. Barra min dan akkuzat ukoll talli fl-istess data, hinijiet u lok, ikkaguna hsara volontarja fuq karozzi li jgibu n-numru JAC-586, JAT-198, SRV-293 u ZEZ-333, liema hsarat jaccedu l-LM50 izda inqas minn LM500 u dan ghad-dannu ta' Joseph Schembri, Sharon Vella, Stephen Vella u Christopher Scerri, rispettivament.

5. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u lok ikkaguna hsara volontarja fil-hgiega tax-showroom tal-hanut VCT Light Centre, liema hsara taccedi l-LM50 izda inqas minn LM500 u dan ghad-dannu tal-imsemmi Victor Calleja.

6. Barra min dan akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u lok, saq karozza li ggib numru JAC-586 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll minghajr polza tas-sigurta kontra terzi persuni.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' kundanna tissospendi lill-imputat milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-zmien ta' mhux anqas minn sena.

7. U aktar talli b'ghemilu kiser il-kundizzjonijiet ta' zewg sentenzi li kienu gew imposti fuqu mill-Qrati tal-Magistrati, liema sentenzi igibu d-dati ta' 22/09/2003 u 12/05/2004.

8. Fl-ahharnett il-Qorti giet mitluba sabiex titratta lill-imputat bhala recidiv billi fis-06/02/2004 kien instab hati ta' delitt b'sentenza moghtija mill-Qrati tal-Magistrati, liema sentenza ma' tistax tigi mhassra.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi ttratata u deciza bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattatta u deciza.

Semghet ix-xhieda, u rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma dawn, kif jirrizultaw mir-rapport tal-Pulizija huma dawn:[1]

1. Fis-16 ta' Marzu 2006, fl-4.00pm, Guzeppi Schembri rrapporta l-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta li l-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni JAC 586, li kienet ipparkjata quddiem id-dar tieghu fi Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, giet misruqa minn persuni mhux maghrufa.

2. Fl-istess hin li dahal dan ir-rapport ta' Guzeppi Schembri, il-Control Room tal-Pulizija infurmaw l-Ghassa tal-Mosta li WPC 186 Maria Dolores Camilleri, li dak il-hin kienet off duty qieghda timxi l-Mosta, kienet infurmathom li semghet xi hgieg jinkiser fi Triq Anglu Gatt, il-Mosta, u x'hin ittawwlet ragel ragel liebes t-shirt ta' lewn orangjo ghaddej fit-triq bi brazz f'idu u kisser dan il-brazz qrib vettura ipparkjata. Huwa baqa' sejjer lejn id-dar numru 71 bl-isem Joanne li tinsab fi Triq ir-Rebbiegha Mosta u qabez minn go tieqa ta' faccata ta' din id-dar.

3. Il-Pulizija tad-Distrett marru fuq il-post u kellmu lil WPC 186, sgassaw it-tieqa tal-faccata tad-dar imsemmija sabiex jidhlu fiha u ma sabu lil hadd, pero peress li d-deskrizzjoni tar-ragel li tathom WPC 186 kienet taqbel ma' dik tal-imputat, li kien jiffirma l-ghassa kuljum, u li kien joqghod biswit din id-dar, il-Pulizija qabzu minn fuq il-bejt tal-fond numru 71 imsemmi ghal fuq l-appartament "My Nest" li jinsab adjacenti ghal din id-dar.

[1] Ara fol. 15 *et seq.*

4. F'dan l-appartament il-Pulizija sabet lill-imputat wahdu. Ftit il-boghod minnu kien hemm t-shirt orangjo.

5. Fuq il-post gie wkoll sid id-dar numru 71, Joseph Zammit, li jigi n-nannu tal-imputat, li informa lill-Pulizija, li l-imputat kien jidhol u johrog minn go daru x'hin irid.

6. Fl-istess hin, il-Pulizija giet infurmata li kien hemm incident tat-traffiku fi Triq Anglu Gatt bejn tlett vetturi. Minn investigazzjonijiet li saru irrizulta li l-vettura JAC 586, li kienet il-vettura li nsterqet ftit hin qabel lil Guzeppi Schembri, kienet habtet maz-zewg vetturi l-ohra, JAT 198 u SRV 293 li kienu ipparkjati, u t-tlett vetturi garrbu hsarat. Il-vettura JAC 586 kienet ghadha bil-magna tahdem, pero x-xufier ma kienx hemm.

7. L-ghada ta' dawn l-incidenti, Guzeppi Schembri, sid il-vettura JAC 586, li giet misruqa, mar l-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta u rrapporta li fil-karozza tieghu sab kartiera tal-gilda, li go fiha kien hemm il-karta tal-identita tal-imputat, karta tal-flus ta' LM10.00 u LM1.75 f'muniti, mazz cwievet u mobile tal-marka Motorola, li gew mghoddija lill-Ufficcjal Investigatur.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-Qorti tibda biex tghid li b'digriet tal-10 ta' Jannar 2018[2] hija laqghet it-talba tad-difiza u ordnat l-isfilz tal-istqarrija tal-imputat, in vista tal-fatt li meta ittiehdet din l-istqarrija huwa ma kellux access ghal avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mal-insenjament tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza taghha **Mario Borg vs Malta**, deciza ft-12 ta' Jannar 2016.

Ghalkemm ma gietx mitluba mid-difiza, a bazi tal-istess insenjament f'din is-sentenza, din il-Qorti thoss li huwa d-dover taghha li *ex officio* tiskarta dik il-parti tax-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Paul Bond, fejn huwa xehed dwar dak li qallu l-imputat waqt l-interrogatorju,[3] ghax inkella l-iskop ghalfejn giet sfilzata l-istqarrija jigi stultifikat.

[2] Ara fol. 106 tal-process.
[3] Ara fol. 11 tal-process.

Ghalkemm ir-rapport tal-Pulizija redatt u kkonfermat bil-gurament minn PS 644 Jason Scerri huwa wiehed dettaljat hafna, il-Prosekuzzjoni naqset li tressaq provi bizzejjed biex tissostanzja l-imputazzjonijiet kontra l-imputat lill'hinn min kull dubbju dettat mir-raguni.

Giuseppe Schembri xehed li hu ma kienx ra l-vettura tieghu tigi misruqa. Ghalkemm fir-rapport tal-Pulizija jinghad li l-ghada tal-incident, huwa ta lill-Pulizija xi affarijiet li sab fil-vettura tieghu, fosthom wallet bil-karta tal-identita tal-imputat, fix-xhieda tieghu hu jghid biss *"imbaghad sibt mazz cwievet u xi LM10 jew xi haga fuqhom"*,[4] pero ma jsemmix li sab ukoll wallet bil-karta tal-identita tal-imputat. Il-Prosekuzzjoni naqset li tipprezenta l-affarijiet li jidher li kien ghaddielha Schembri quddiem il-Qorti. Konsegwentement, f'dawn l-atti ma hemmx prova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li kien l-imputat li seraq il-vettura ta' Schembri.

Lanqas hemm prova li kien l-imputat li kien qed isuq il-vettura ta' Schembri meta din habtet f'zewg vetturi ipparkjati, u cioe fil-vetturi JAT 198 u SRV 293, u konsegwentement ikkaguna hsara lit-tlett vetturi, ghax ma ngieb l-ebda xhud okulari li ra l-incident isir, jew xi prova ohra biex tissostanzja l-imputazzjoni li l-imputat ikkaguna hsarat lil dawn it-tlett vetturi.

Il-Prosekuzzjoni ressqet lil ex-WPC 186 Maria Dolores Camilleri u Victor Calleja, li kien jiggestixxi l-hanut li minnu kien ibiegh *light fittings*, il-Mosta, bl-isem VCT Light Centre, hdax (11)-il sena wara l-incident, u ovvjament, wara dan it-trapass ta' zmien kollu, l-memorja taghhom kienet fjakka hafna.

Ghalkemm ex-WPC 186 gharfet lill-imputat, hija xehdet li ratu jkisser tieqa ta' residenza privata, u jidhol minn go fiha. Hija innegat li rat lill-imputat ikisser hgiega ta' *showroom* u ma setghetx tiftakar jekk l-imputat kellux xi haga f'idejh meta ratu.

Victor Calleja xehed li hu kien qed jistrieh id-dar u kien it-tifel tieghu Duncan li kien infurmah li kien hemm *pole* b'zewg fanali tal-elettriku mal-art fuq il-bankina, xi mitt metru il-fuq mill-hanut tieghu. Calleja xehed li hu mar fuq il-post u ra hgiega tal-hanut imkissra u l-

[4] Ara fol. 33 tal-process.

bieb miftuh, u kien hemm pole nieqes. Pero ma setghax jiftakar jekk gabarx il-pole lura gew le. Huwa xehed li ma rax lil min kien kissirlu l-hgiega tal-hanut.

Fost ir-ritratti ezebiti minn PS 964 Robert Scicluna hemm ritratti tal-hanut bil-hgiega mkissra, u ta' pole bi tlett brazzi imkissra mal-art fit-triq quddiem karozza bin-numru ta' registrazzjoni ZEZ-333 li kienet ipparkjata. Mir-ritratti jirrizulta li kellha xi danni.

Pero certament, li la x-xhieda ta' Victor Calleja u lanqas ir-ritratti ezebiti, ma huma prova sufficjenti li kien l-imputat li kisser il-hgiega tal-hanut ta' Calleja, seraq il-pole tal-elettriku, u b'xi mod kissru u hallih mal-art fit-triq, u kkaguna danni lill-vettura ZEZ-333. Il-Prosekuzzjoni ma tellghetx lil sid il-vettura ZEZ-333 sabiex jixhed.

Ladarba ma giex ippruvat, mill-provi prodotti, li l-imputat kien qed isuq il-vettura JAC-586, l-imputazzjoni li hu kien qed isuq din il-vettura minghajr licenzja tas-sewqan u minghajr assigurazzjoni ma tistghax tirrizulta.

Konsegwentement, mill-provi migjuba quddiem din il-Qorti, certament ma jistghax jinghad li l-Prosekuzzjoni ippruvat l-ewwel sitt imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali. Rigward is-seba' u tminn imputazzjoni, u cioe dik tal-ksur tal-kundizzjonijiet ta' zewg sentenzi ta' prigunerija sospiza, u dik tar-recidiva, dawn jiddependu fuq sejbien ta' htija ta' xi wahda jew aktar mill-ewwel sitt imputazzjonijiet, u ladarba l-imputat ma jistghax jinstab hati ta' xi wahda minnhom, lanqas jista' jinstab hati tas-seba' u tminn imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, u qed tilliberah minnhom.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**